MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Numru. 112/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Jonathan Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jonathan Micallef**, iben Saviour u Gemma neé Mifsud, imwieled Pietà, fis-16 ta' Awwissu 1982, residenti 8, Sidtna Marija, Triq Gorg Borg, Birkirkara u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 441282(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Jannar 2013 ghal habta tal-ghaxra u ghaxra ta' filghaxija (10:10pm) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Horst Erich Wickinghoff;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

3. irrenda ruhu recediv skont l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Horst Erich Wickinghoff jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "TM 1" – *a fol.* 13).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali (*a fol.* 70).

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tad-difiza (*a fol.* 71 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013, xehed **Horst Erich Wickinghoff** (*a fol.* 27 *et seq.*) fejn spjega li kien ghall-habta tad-9.00pm u kien fi triqtu lejn id-dar ma' siehbu Stefan Lars Anders. Mistoqsi ghad-data, jghid li ma mmemorizzax id-data. Jghid li kien f'Jannar/Frar 2013. Jispecifika li kien f'Jannar 2013 u jghiud li kien il-15 jew 16 tax-xahar. Jghid: *"I am just guessing right now"* (*a fol.* 27). Jghid li kien ghall-habta tad-9.10pm u qasam it-triq f'San Giljan u ra vettura gejja minn Spinola b'certu *speed* qawwi u kellu jhaffef il-pass u qasam it-triq. Jghid li meta kien fuq in-naha l-ohra tat-triq qal lix-xufier tal-vettura: *"do you want to driver over me?"* (*a fol.* 28). Jixhed li x-xufier tal-vettura waqaf, hareg mill-vettura u tah daqqa f'ghajnejh ix-xellugija. Mistoqsi jghid jekk jaghrafx lil dan il-persuna fl-awla, jghid li mhuwiex mija fil-mija cert pero ndika lill-imputat fl-awla. Jghid li l-vettura kienet SUV *type* skura u li Dr. Sultana kiteb in-numru ta' din il-vettura. Jghid li siehbu li kien mieghu mar jghinu u li l-imputat qal lill-siehbu: *"hey do you want some as well"* (*a fol.* 28). Mistoqsi fuq il-griehi li sofra, jghid: *"I had my eye got stitched twice under my eye and above it basically, and it was swollen for a week. I couldn't go for a few days to work"* (*a fol.* 29). Mistoqsi jekk ghandux xi marki tal-griehi, jghid: *"You can't see it much, its under my eye brow"* (*a fol.* 29).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013, xehed ukoll **Stefan Lars Anders** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn beda billi qal li ma jiftakarx ezatt meta gara l-incident li ser jixhed dwaru. Jghid li gara fis-sena 2013 u li x-xahar seta' kien April. Pero jghid: *"I am guessing"* (*a fol.* 30). Jghid li kien ghal habta tad-9.00-9.30pm f'San Guljan u li hu u siehbu l-parti leza kienu qed jaqsmu t-triq, giet vettura mit-triq, liema vettura jiddeskrivi li kienet vettura bajda zghira, bhal *jeep*. Jghid: *"so we ran across the street and my friend came up really fast on*

*the street so he must have been hit over, so he stopped. My friend went up and they had an argument, I was quite far from them, I was like twenty meters away because I continued walking and they had an argument, the other man came out of the car and my friend got punched a couple of times"* (*a fol.* 31). Mistoqsi jghid jekk jistax jaghraf lil xi hadd fl-awla, wiegeb li ma kienx f'pozizzjoni, pero jiddeskrivi lill-persuna li tat daqqiet lill-parti leza bhala persuna mibnija sew.

In kontro-ezami jikkonferma li meta l-parti leza u hu qasmu t-triq ma qasmux minn fuq iz-*zebra crossing*. Ikkonferma wkoll li ra lill-parti leza jmur lejn il-vettura biex ikellem lix-xufier.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Trevor Micallef** (*a fol.* 36 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' rapport li sar mill-parti leza u l-habib tieghu Stefan Lars Anders dakinhar tat-28 ta' Jannar 2013 ghall-habta tal-9.50pm in segwitu ta' dak li gara wara li qasmu t-triq. Waqt id-depozizzjoni tieghu ghamel riferenza ghall-uhud mid-dokumenti li kienu diga jiffurmaw parti mill-atti processwali, fosthom l-istqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "TM 4" – *a fol.* 19 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014, xehdet **Dr. Maria Debono Agius** (*a fol.* 61 *et seq.*) fejn ikkonfermat li c-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "TM 3" (*a fol.* 18) gie rilaxxat minnha u kkonfermat ukoll il-kontenut tieghu. Tghid li ezaminat lill-parti leza fit-28 ta' Jannar 2013 ghall-habta tal-11.30pm u sabet li kellu nefha kbira madwar l-ghajn ix-xellugija u kellu qasma fl-*eyebrow* ta' fuq ta' madwar tlitt centimetri u ohra fl-*eyebrow* t'isfel ta' madwar erba' centimetri. Tghid li kellu ftit demm migmugh fl-abjad tal-ghajn u l-vizta tieghu kienet normali. Tixhed li minn *x-ray* irrizulta li l-parti leza ma kien sofra l-ebda ksur. Tghid li ghamlet il-punti fuq il-parti leza minhabba l-qasmiet li semmiet.

In kontro-ezami tghid li l-konsegwenzi li sofra l-parti lezi kienu biss kozmetici fl-*eyebrows*.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2014, xehed **Mr. Alec Sultana** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn qal li fit-28 ta' Jannar 2013 wara d-9.00pm, sema hoss ta' brejk waqt li kien tiela' t-telgha fejn sehh l-akkadut u ra *four-*

*wheel drive* tiela' t-telgha u kien hemm zewg minn nies qed jaqsmu, tal-*four-wheel drive* hareg fin-nofs tat-triq biex jevitahom u baqa' mixi madwar ghoxrin metru qabel ma waqaf. Jghid li meta waqaf, wiehed miz-zewg minn nies li kien qed jaqsam u li kien ser jintlaqat beda jghajjat u deher irrabjat. Jghid li ra x-xufier tal-*four-wheel drive* jirriversja sakemm wasal hdejn iz-zewg persuni li qasmu t-triq, hareg mill-vettura u dar hdejhom u minghajr ma qal xejn ta daqqa ta' ponn lil wiehed miz-zewg persuni li kien qed jaqsam u waqt li dan il-persuna kien qed jaqa' rega' tah daqqa ta' ponn ohra bil-konsegwenza li dan il-persuna waqa' mal-art. Jghid li ha n-numru tal-vettura u mar bih l-Ghassa tal-Pulizija. Mistoqsi jghid jekk fl-awla setghax jaghraf lill-persuna li ta d-daqqa ta' ponn, wiegeb li ma setghax ghax kien dalam pero setgha jghid li dan il-persuna kien mibni sew. Fl-awla ndika lill-imputat bhala persuna li tidher tipprattika l-*body-building*.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "TM 4" – *a fol.* 19 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, l-imputat qal: *"Ghal habta ta' xi 10.00pm kont tiela' mit-triq ta' hawn fuq [Triq San Gorg, San Giljan] fejn hemm l-Pizza Hut, kien hemm wiehed u qabad u qasamli bl-addocc. Lanqas biss qasam minn fuq iz-zebra crossing. Jien waqaft biex ma ntajjrux u dan beda ikellimni hazin. Hu beda jifuckjani u johrogli is-subgha tan-nofs. Jien inzilt mill-karrozza biex nara ghalxiex beda jkellimni hazin, kif inzilt mill-karrozza u dort minn naha ta' wara ghax hu kien qieghed mat-tieqa ta' quddiem man-naha tal-passiggieri u hekk kif dort, sibt lil siehbu kien gej ghalija min naha l-ohra minn wara tal-karrozza. Huma gew it-tnejn quddiemi u dak tan-naha tax-xellug li kien liebes coat iswed imbuttani minn spallti u jien kif imbuttani xejjirt idi u lqatt lil xi hadd minnhom imma ma nafx lil min. Jiena imbaghad dhalt fil-Landcruiser tieghi u tlaqt ghax-xogghol. Jiena ma mortx l-Ghassa ghax ma rajtx li kien hemm ghalfejn"* (*a fol.* 19). Jichad li xejjer aktar minn daqqa ta' ponn wahda. Jghid li ma kellu ebda intenzjoni li jolqot lil xi hadd. Meta gie mistoqsi: *"Jekk nghidlek li x'hin xejjirt idejk int ilqatt wiehed minnhom u garrab griehi ta' natura gravi, xi tghid?"*, wiegeb: *"Le, ma jistax ikun, jien ma xejjirtx idi daqshekk bis-sahha biex jigri hekk"* (*a fol.* 20).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li kemm il-parti leza u x-xhud li kien mieghu ma jaghmlux riferenza specifika ghat-28 ta' Jannar 2013, u cioé ghad-data li hemm indikata fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat. Minkejja dan, mill-bqija tal-atti processwali, fost l-ohrajn mid-depozizzjonijiet moghtija mill-iSpettur Trevor Micallef (*a fol.* 36 *et seq.*), minn Dr. Maria Debono Agius (*a fol.* 61 *et seq.*) u kif ukoll minn Mr. Alec Sultana (*a fol.* 64 *et seq.*), u kif ukoll mir-rapport (Dok. "TM 2" – *a fol.* 14 *et seq.*) redatt minn PS 750 Terry James Mallia[1], jirrizulta li d-data tal-incident li bih jinsab akkuzat l-imputat hija dik tat-28 ta' Jannar 2013. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dak li l-parti leza u x-xhud li kien mieghu xehdu jirriferi ghall-istess istanza li jaghmlu riferenza ghalih l-bqija tax-xhieda prodotti f'dan il-kaz. Ghall-istess ragunijiet, il-Qorti m'ghandhiex dubju anqas li kien l-imputat f'dawn il-proceduri li kien involut fl-incident in kwistoni mal-parti leza dakinhar tat-28 ta' Jannar 2013 f'San Giljan. La darba gew stabbiliti dawn iz-zewg fatturi, il-Qorti issa ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Ferita ta' Natura Gravi)**:
Illi taht l-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem tal-parti leza Wickinghoff. Da parte tieghu, il-parti leza Wickinghoff jispjega kif l-imputat tah daqqa f'ghajnejh ix-xellugija. Jirrizulta li saru xi punti f'din l-ghajn. Il-fatt li l-imputat ta daqqa lill-parti leza gie kkonfermat minn Stefan Lars Anders (ix-xhud li kien mal-parti leza) u kif ukoll mix-xhud okulari Mr. Alec Sultana, li kien ghaddej mill-inhawi. Da parte tieghu, l-imputat, fl-istqarrija (Dok. "TM 4" – *a fol.* 19 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, jghid li ma kellu ebda intenzjoni li jolqot lil xi hadd u huwa jichad li x'hin xejjer idejh huwa laqat lill-parti leza u dan garrab griehi ta' natura gravi.

---

[1] Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 35), id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tharrek lil PS 750 Terry James Mallia li pprepara l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. "TM 2" (*a fol.* 14 *et seq.*).

Illi, mill-atti processwali u minn dak mismugh mill-Qorti, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-imputat ta daqqa lill-parti leza. Dak li trid tara l-Qorti huwa jekk b'dak li ghamel l-imputat fil-konfront tal-parti leza, il-parti leza sofriex xi griehi, u jekk dawn il-griehi kienux ta' natura hafifa jew gravi.

Illi fid-depozizzjoni taghha Dr. Maria Debono Agius (*a fol.* 61 *et seq.*) filwaqt li kkonfermat ic-certifikat mediku (Dok. "TM 3" – *a fol.* 18) rilaxxat minnha, fejn hija kitbet li l-parti leza sofra griehi ta' natura gravi, xehdet li l-parti leza kellu qasma fl-*eyebrow* ta' fuq ta' madwar tlitt centimetri u ohra fl-*eyebrow* t'isfel ta' madwar erba' centimetri. Hija spjegat li kellha taghmel il-punti fuq l-istess parti leza u li l-parti leza ma kien sofra l-ebda ksur.

Illi, tenut kont ta' dan, il-Qorti hija konvinta li bid-daqqa moghtija mill-imputat fil-konfront tall-parti leza, il-parti leza sofra griehi f'ghajnejh. Pero minkejja li fic-certifikat mediku (Dok. "TM 3" – *a fol.* 18) rilaxxat minnha, Dr. Maria Debono Agius tikklassifika li l-griehi sofferti mill-parti leza kienu ta' natura gravi, il-Qorti m'hijiex pjenament konvinta dwar dan.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda

> ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi l-Qorti tinnota li, in kontro-ezami, Dr. Maria Debono Agius xehdet li l-konsegwenzi li sofra l-parti lezi kienu biss kozmetici fl-*eyebrows* (*a fol.* 62). Hija tghid li wara hamest'ijiem il-parti leza rega' gie ezaminat minn xi hadd iehor u rrizulta li kien qed ifieq tajjeb u li l-gewwa tal-ghajn kien normali. Meta l-parti leza gie mistoqsi jekk ghandux xi marki tal-griehi, huwa wiegeb hekk: *"You can't see it much, its under my eye brow"* (*a fol.* 29).

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li gew kagunati griehi ta' natura gravi fuq il-parti leza pero jirrizultalha li gew kagunati <u>biss</u> griehi ta' natura hafifa u abbazi tal-principju *il piu' comprende il meno*, il-Qorti jidrilha li ghandha tinstab htija tal-imputat Jonathan Micallef talli kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-parti leza.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur tal-Bon Ordni jew il-Kwiet Pubbliku b'Ghajjat u Glied)</u>**:
Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern tenut kont tal-atteggjament tal-imputat u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati ta' tali imputazzjoni.
**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

**(Recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja ta' sentenza (Dok. "TM 7" – *a fol.* 49 *et seq.*) f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tinnota li l-konnotati ndikati f'din is-sentenza tal-persuna li fil-konfront taghha nghatat is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jitqies li huwa recediv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi filwaqt li jirrizulta li l-imputat ser jinstab hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet miguba fil-konfront tieghu, fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat ser jigi misjub hati biss talli kkaguna griehi ta' natura hafifa fir-rigward tal-parti leza Wickinghoff.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. "TM 5"(*a fol.* 21 *et seq.*) minn liema jirrizulta li l-imputat kiser difrjegh mal-ligi diversi drabi, in-natura tar-reati addebitati lilu u li gew pruvati, il-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll il-gurisprudenza nostrana. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Camilleri et** moghtija fid-29 ta' Jannar 2015, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "L-impozizzjoni ta' sentenza sospiza mhiex hlas bizzejjed ghal min juza l-vjolenza fizika kontra persuni ohra u l-Qorti trid tghaddi l-messagg ta' determinazzjoni u severità kontra min, ghal xejn b'xejn, jinfexx fi vjolenza kontra persuna ohra. Hawnhekk, il-Qorti tajjeb illi taghmel riferenza ghal dak illi jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-

> Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju 2004, *"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-qrati tal-gustizzja kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod decisiv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika""*.

In vista ta' dan kollu u in vista tal-fatt li mis-sentenza (Dok. "TM 7" – *a fol.* 49 *et seq.*) ezebita f'dawn il-proceduri u kif ukoll minhabba l-fatt li mill-fedina penali tal-imputat din ma kienitx l-ewwel darba li l-imputat instab hati dwar vjolenza fuq persuni u kkagunalhom griehi, il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi terminu ta' prigunerija effettiv fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati talli kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Horst Erich Wickinghoff, wara li rat Artikoli 49, 50, 214, 215, 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Jonathan Micallef hati tar-reat minuri kompriz u involut fl-ewwel (1) imputazzjoni (u cioé talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Horst Erich Wickinghoff) u ssibu hati wkoll tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' erba' (4) xhur prigunerija.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati Jonathan Micallef b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000.00) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Horst Erich Wickinghoff.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------